**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 18 ta' Marzu 2025**

Rikors Numru: 25/2025 AL

AB

vs

CD

(M.R. Numru 1053/2011)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

Illi l-partijiet zzewgu f'Malta nhar it-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) [certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat **DOK A];**

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied;

Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood tat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) wara li kienu ilhom de facto sseparati mill-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) [kopja tal-istess hawn anness u mmarkat **DOK B];**

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi l-partijiet komplew b'hajjithom separatament minn xulxin;

Illi l-manteniment dovut mill-intimat ghal martu u ghal qed jithallas regolarment u dan kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi ghalhekk I-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d- divorzju.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku u dan taht kull provediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Jannar 2025;

Rat illi l-intimata prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti wiegbet li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet

ilhom legalment separati mit-30 ta' Mejju 2024 u de facto separati mill-21 ta' Settembru 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.